MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2459/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society ta' Londra,**

**vs**

**Gordon Callus**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hamsin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm50.89) kwantu ghal erbgha u erbghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm44.25) Royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011905 (Dok A)**

**rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Truck Stop" Gudja, u sitt liri u erbgha u sittin centezmu (Lm6.64) Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghall-perjodu mis-6 ta' Frar, 2003 sal-5 ta' Frar, 2004.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' April, 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' hamsin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm50.89) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Frar, 2003.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' April, 2003, kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------